

32006D0943

L 358/60

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

16.12.2006

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-17 ta' Novembru 2006

**dwar l-Applikazzjoni Provviżorja tal-Ftehim dwar it-Twaqqif ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Enerġija mill-Fużjoni ITER għall-Implimentazzjoni Konġunta tal-Proġett ITER u l-Ftehim dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Enerġija mill-Fużjoni ITER għall-Implimentazzjoni Konġunta tal-Proġett ITER**

(innotifikata taħt dokument numru C(2006) 5557)

(2006/943/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Konġunta tal-Proġett ITER ("l-Organizzazzjoni ITER") għandhom ikunu f'St Paul-lez-Durance, Bouches-du-Rhône, Franza;

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika, u partikolarment l-Artikoli 101, 124 u 192 tiegħu,

(5) bħala l-Parti Ospitanti ta' l-ITER, l-Euratom għandha responsabbiltajiet speċjali għall-iżgurar ta' l-implimentazzjoni f'waqtha tal-Proġett ITER;

Billi:

(1) il-Kunsill, fid-Deċiżjoni tiegħu tal-25 ta' Settembru 2006, approva l-konklużjoni min-naħa tal-Kummissjoni tal-Ftehim dwar it-Twaqqif ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Enerġija mill-Fużjoni ITER għall-Implimentazzjoni Konġunta tal-Proġett ITER ("il-Ftehim ta' l-ITER"), ta' l-Arranġament dwar l-Applikazzjoni Provviżorja tal-Ftehim dwar it-Twaqqif ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Enerġija mill-Fużjoni ITER għall-Implimentazzjoni Konġunta tal-Proġett ITER ("l-Arranġament dwar l-Applikazzjoni Provviżorja") u tal-Ftehim dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Enerġija mill-Fużjoni ITER għall-Implimentazzjoni Konġunta tal-Proġett ITER.

(6) ftehimiet konklużi mill-Komunità jorbtu lill-istituzzjonijiet tal-Komunità u lill-Istati Membri;

(7) skond l-Artikolu 192 tat-Trattat, l-Istati Membri għandhom jiffaċilitaw it-tweqqif tal-ħidmiet tal-Komunità;

(8) skond l-Artikolu 101 tat-Trattat, il-Kummissjoni għandha s-setgħa tikkonkludi ftehimiet internazzjonali; filwaqt li hija wkoll ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni li tiżgura l-applikazzjoni provviżorja ta' ftehimiet bħal dawn, skond l-approvazzjoni mogħtija mill-Kunsill;

(2) L-Artikolu 3 ta' l-Arranġament dwar l-Applikazzjoni Provviżorja jesprimi x-xewqa tal-firmatarji tal-Ftehim ta' l-ITER ("il-Firmatarji") li jagħmlu hilitom kollha biex iġibu 'l quddiem il-kooperazzjoni kif jipprovdi l-Ftehim ta' l-ITER, sakemm kull wieħed minnhom itemm l-azzjonijiet nazzjonali rekwiżiti qabel ir-ratiffika, l-aċċettazzjoni jew l-approvazzjoni tal-Ftehim ta' l-ITER.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu Uniku

L-Organizzazzjoni ITER, fil-kapaċità provviżorja tagħha, fil-Komunità għandha:

(3) L-Artikolu 4 ta' l-Arranġament dwar l-Applikazzjoni Provviżorja jesprimi l-impenn tal-Firmatarji li josservaw it-termini tal-Ftehim ta' l-ITER sakemm jidħol fis-seħħ, sa l-aktar punt possibbli li jkun konformi mal-liġijiet u r-regolamenti nazzjonali tagħhom.

a) tgawdi l-kapaċità ġuridika li teħtieġ biex (i) tikkonkludi kuntratti, partikolarment għall-ingaġġ ta' persunal, (ii) takkwista, iżżomm u tiddisponi minn proprjetà, (iii) tikseb il-liċenzji u (iv) tiegħu passi legali sal-punt li dan ikun meħtieġ għall-implimentazzjoni f'waqtha tal-Proġett ITER, b'antiċipazzjoni tat-twaqqif formali ta' l-Organizzazzjoni ITER; bin-nota li d-drittijiet u l-obbligi kollha li tiegħu fuqha l-Organizzazzjoni ITER f'kapaċità provviżorja għandhom jippersistu bħala dawk ta' l-Organizzazzjoni ITER, skond it-termini tal-Ftehim ta' l-ITER, mat-twaqqif formali ta' l-Organizzazzjoni ta' l-ITER.

(4) L-Artikolu 1 tal-Ftehim ta' l-ITER jipprovdi li l-Kwartieri Ġenerali ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Enerġija mill-Fużjoni ITER għall-Implimentazzjoni

- b) tgawdi, flimkien mal-persunal u r-rappreżentanti tal-Firmatarji, fit-territorji ta' l-Istati Membri, il-privileġġi u l-immunitajiet li dwarhom jipprovdi l-Ftehim dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Enerġija mill-Fużjoni ITER għall-Implimentazzjoni Konġunta tal-Proġett ITER, partikolarment rigward it-taxxi, l-immigrazzjoni u r-reġistrazzjoni, b'antiċipazzjoni tat-twaqqif formali ta' l-Organizzazzjoni ITER;
- ċ) tosserva d-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ta' l-ITER; u b'mod partikolari tosserva l-liġijiet u r-regolamenti applikabbli ta' l-Istat Ospitanti fl-oqsma tas-saħħa u s-sikurezza pubblika

u fuq ix-xogħol, is-sikurezza nukleari, il-ħarsien mir-radjazzjoni, il-liċenzjar, is-sustanzi nukleari, il-ħarsien ambjentali u l-ħarsien minn atti ta' ħsara intenzjonali.

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, 17 ta' Novembru 2006.

*Għall-Kummissjoni*

Janez POTOČNIK

*Membru tal-Kummissjoni*